MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 461/2002/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta' April 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta' April 1988 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, u cjoe` Rebecca, Matthew u Julian, ahwa Ciappara li ghandhom tlettax-il (13) sena, hdax-il (11) sena u seba` (7) snin;

Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi u ngurji gravi da parti tal-konvenuta;

Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’dan is-sens moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ April 2001 (Dok. “A”), liema digriet inghata fuq talba tal-konvenuta izda illi jestendi ghall-fini tal-prezentata tal-proceduri odjerni bl-operazzjoni ta’ l-**artikolu 37 (3) tal-Kapitolu 16** u liema digriet gie rinovat.

Illi ghalhekk, l-istess attur talab lill-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet ta’ l-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsiderata li minnha kienet hatja tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta martu;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Rebecca, Matthew u Julian, ahwa Ciappara, tigi fdata lill-attur, salv l-access tal-konvenuta fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur zewgha, ghalih u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet ta’ l-attur, pagabbli mill-konvenuta lill-istess attur zewgha fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attur ikun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenuta;

5. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16);**

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti *in vista, inter alia,* tad-dati ta’ l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta billi, *occorrendo* ghall-finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni kollha parafernali tieghu u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attur u dan ghal dan il-fini tordna li l-konvenuta tizgombra mill-ambjenti kollha tad-dar konjugali fi zmien qasir u perentorju illi jigi appozitament prefiss minn din l-istess Qorti;

9. Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra *ossia,* jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

10. Tipprojbixxi lill-istess konvenuta milli tkompli tuza kunjom il-konvenut;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond’Awla ta’ din il-Qorti, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process u d-dokumenti esebiti;

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri datat 10 ta' April 2001 a fol 7 tal-process – Digriet Numru 491/2001 fejn l-attur gie ikkundannat ihallas manteniment ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) fix-xahar *oltre* hlas ta' spejjez ohra;

Rat in-nota ta' l-attur ta' l-10 ta' Mejju 2002 li permezz taghha pprezenta c-certifikati tat-twelid tal-minuri u c-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti;

Rat ir-rikors (1) tal-konvenuta ta' l-10 ta' Gunju 2002 fejn talbet li l-kawza tigi rikjamata ghal data aktar vicina;

Rat ir-risposta ta' l-attur datata 14 ta' Gunju 2002;

Rat id-digriet tat-18 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba u ordnat li tigi notifikata c-citazzjoni attrici u lill-attur sabiex fi zmien tletin (30) gurnata jesebixxi l-affidavits kollha tieghu u lill-konvenuta sabiex tipprezenta l-affidavits kollha taghha fi zmien tletin (30) gurnata minn notifika lilha ta' l-affidavits ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta B datata 10 ta' Lulju 2002 a fol. 34 tal-process fejn eccepiet illi:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u l-pretensjonijiet u l-fatti akkompanjati dawk id-domandi huma fil-maggior parti falsi, kif jigi ppruvat fid-dikjarazzjoni annessa u waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi z-zwieg gie distrutt b'atti kagunati tul diversi snin mill-attur, b'imgieba, inizjattivi u decizjonijiet irresponsabbli li, f'certi kazi, kienu jirrassentaw il-kriminalita`;

3. Illi l-mod kif itratta lil martu u lil uliedu, jirrenduh mhux idoneu li jkollu l-kura u l-kustodja ta' uliedu u wisq anqas li jibqa' jghix fid-dar konjugali;

4. Illi l-attur dejjem kellu provent li kien jippermetti hajja ghall-eccipjenti u ghal uliedha izjed konfortevoli, minghajr il-privazzjonijiet krudili u rresponsabbli li mpona fuq martu u fuq uliedu, izda qatt ma ried jaghti kont dettaljat u veritier ta' dak il-provent, u *quindi* jrid jghid fejn jinsabu l-flus li matul iz-zwieg dejjem heba;

5. Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti giet benefikata min, u b'ghajnuna u flus li l-eccipjenti u t-tfal taghna dejjem ircevew mill-mama` ta' l-eccipjenti u minn hut l-istess eccipjenti u zwieghom;

6. Illi l-attur ghad ghandu jaghti somma sostanzjali lil omm l-eccipjenti a saldu ta' prestitu li ghamlitlu;

7. Illi l-eccipjenti ma ghandhiex provent u d-domanda numru 4 tac-citazzjoni hija assurda ghaliex id-dover li jmantni lil martu u lil uliedu huwa unikament ta' l-attur;

8. Illi d-domanda numru 5 hija rigettata;

9. Illi d-domanda numru 6 tigi applikata wara li jigi stabbilit b'mod inkonfutabbli xi provent kellu l-attur mindu zzewweg, x'nefaq b'dokumenti accettabbli, u l-flus li fadallu fejn jinsabu;

10. Illi l-konvenuta m'ghandha ebda beni parafernali ta' l-attur u d-domanda hi superfluwa;

11. Illi d-dar konjugali ghandha tigi moghtija lill-konvenuta jew, *se mai,* mibjugha kif ried l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 36 *et seq* tal-process;

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta** a fol.42 tal-process fejn talbet illi:-

1. Illi tigi dikjarata s-separazzjoni bejn il-kontendenti htija ta' l-attur;

2. Tawtorizza li tghix separatament mill-attur;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Rebecca, Matthew u Julian jigu koncessi lilha, salv l-access ta’ l-attur kif tordna l-Qorti;

4. Tikkundanna lill-attur inhallas alimenti sufficjenti u skond il-provent u l-beni tieghu lilha u lil uliedha bil-mod u taht il-kundizzjonijiet li tordna l-Qorti;

5. Tapplika kontra l-attur interament id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti li tigi spartita bejn il-kontendenti wara li jigi accertat x’ghandha l-konvenuta u x’ghandu l-attur;

7. Tikkundanna lill-attur jikkonsenja l-beni parafernali tal-konvenuta lilha;

8. Tordna li d-dar konjugali tigi abitata mill-konvenuta u minn uliedha, ad eskluzjoni ta’ l-attur jew *se mai,* li tinbiegh kif ried diga` l-attur;

9. Tordna li l-konvenuta u wliedha jibqghu juzaw kunjom l-attur, *a meno che*` iz-zwieg ma jigix annullat;

10. Tikkundanna lill-attur l-ispejjez kollha tal-kawza u dawk relattivi.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 42 *et seq* tal-process;
Rat in-nota ta’ l-attur fejn esebixxa l-affidavit tieghu (a fol. 46 tal-process);

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta a fol. 68 tal-process fejn eccepixxa illi:-

1. Illi l-ewwel talba tal-konvenuta ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali m’hijiex opposta b’dan pero` illi kienet l-istess konvenuta illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti;

2. Illi t-tieni talba m'hijiex opposta;

3. Illi t-tielet talba hija opposta billi l-imgieba tal-konvenuta hija tali illi ma tistax tigi affidata bil-kura u l-kustodja tat-tlett itfal minuri, ahwa Ciappara;

4. Illi r-raba' talba ghall-hlas tal-manteniment ghall-bzonnijiet tal-konvenuta hija opposta billi kienet l-istess konvenuta illi kkawzat it-tifrik taz-zwieg u hija *in oltre* ghandha introjtu mensili u t-talba tal-konvenuta ghall-manteniment tat-tfal minuri hija superfluwa *stante* l-fatt illi qabel xejn irid jigi determinat min ser jigi affidat bil-kura u l-kustodja ta' l-istess tfal minuri;

5. Illi l-hames talba hija opposta *stante* l-fatt illi ma kienx il-kawza tat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;

6. Illi s-sitt u s-seba' talbiet m'humiex opposti b'dan pero` illi jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali tal-konvenuta u b'rizerva fis-sens illi l-attur m'huwiex fil-pussess ta' kwalunkwe gid tal-konvenuta, b'rizerva ulterjuri illi f'kaz illi l-konvenuta tigi eventwalment dikjarata li ddekadiet mid-dritt taghha fl-akkwisti maghmula principalment bil-hidma ta' l-attur, tali dekadenza tigi applikata fid-divizjoni eventwalment ordnata billi jigu identifikati l-oggetti hekk akkwistati wara d-data illi fiha l-konvenuta tigi misjuba li kienet hatja tal-firda;

7. Illi t-tmien talba hija opposta;

8. Illi l-attur joggezzjona illi martu tibqa' tuza kunjomu pero` ovvjament dan ma japplikax ghat-tfal minuri li dejjem jibqghu izommu kunjom missierhom;

9. Illi l-ispejjez tal-kawza m'ghandux ibaghtihom l-attur u dan ghaliex propju ma kienx hu li kkawza t-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti izda kienet l-istess konvenuta;

10. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 70 *et seq* tal-process;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 15 ta’ Lulju 2002 fejn gie esebit l-affidavit tieghu kollox minn fol. 45 sa fol. 66 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 14 ta’ Awissu 2002 li biha esebiet l-affidavits ta’ Alan Fleri Soler (a fol. 75); Joanne Pace (a fol. 76) u Joan Fleri Soler (a fol. 78);

Rat in-nota tal-konvenuta tas-16 ta’ Awissu 2002 li biha esebiet l-affidavit ta’ Rev. Victor Zammit McKeon (a fol. 82); Dr Victor Ragonesi (a fol. 83) u Nadyne Cassar De Sain (a fol. 89);

Rat in-nota tal-konvenuta datata 19 ta’ Awissu 2002 li biha esebiet l-affidavit ta’ Isabelle Pace (a fol. 87);

Rat in-nota tal-konvenuta datata 23 ta’ Awissu 2002 li biha esebiet l-affidavit ta’ Suzan Lanzon (a fol. 90);

Rat ir-rikors (2) tal-konvenuta ta’ l-24 ta’ Settembru 2002 li jitratta dwar manteniment u kontijiet;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Settembru 2002 (a fol. 96) fejn l-konvenuta giet ordnata taghmel dak minnha hemm indikat kollox skond l-istess Digriet li jinsab a fol. 96 tal-process;

Rat ir-rikors (3) tal-konvenuta tas-26 ta’ Settembru 2002 rigwardanti hlasijiet ta’ kontijiet;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Settembru 2002 fekm il-Qorti astjeniet mir-rikors *stante* nuqqas ta’ talba fl-istess.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 22 ta’ Ottubru 2002 li biha esebiet l-affidavit ta’ Maria Assunta Busuttil (a fol. 104);

Rat in-nota tal-konvenuta datata 23 ta’ Ottubru 2002 li biha esebiet l-affidavit taghha stess (a fol. 107);

Rat in-nota ta’ l-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu b’risposta ghal dak li qalet il-konvenuta fl-

affidavit taghha tat-23 ta’ Awissu 2002 (a fol. 117); ta’ Gavino Tolu bil-Lingwa Taljana (a fol. 119); ta’ Gavino Tolu tradott bil-Malti (a fol. 122); u ta’ Mary Anne Tolu (a fol. 124);

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Qorti nnominat lil Dr Mark Chetcuti bhala Perit Legali;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 23 ta’ Ottubru 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ Ian Fleri Soler (a fol. 130);

Rat in-nota ta’ l-attur datata 5 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavits ta’ Elisa Pace (a fol. 133) u Giselle Micallef Grimaud (a fol. 135);

Rat in-nota ta’ l-attur datata 19 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Carmel Bugeja (a fol. 139);

Rat in-nota tal-konvenuta tal-21 ta’ Frar 2003 fejn permezz taghha pprezentat id-digriet tas-Sekond’Awla li jgib in-numru 491/01;

Rat ir-rikors tal-Perit Legali tat-28 ta’ April 2003 fejn talab lill-Qort sabiex takkorda zieda ta’ seduti;

Rat id-digriet tat-30 ta’ April 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr Mark Chetcuti minn fol. 160 sa fol. 199 tal-process, inkluzi dawk tat-22 ta’ Jannar 2003 fejn xehdu rapprezentanti ta’ diversi banek lokali; tal-5 ta’ Frar 2003 fejn xehed Carmel Azzopardi rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali u Saviour Theuma u rapprezentanti tal-banek; 18 ta’ Frar 2003 fejn xehed Manuel Avellino u Brian Gatt; 6 u 24 ta’ Marzu 2003 u 31 ta’ Lulju 20093 fejn ma sar xejn; tas-17 ta’ Marzu 2003 u 4 ta’ April 2003 fejn xehdu Patrick Cassar u l-attur in kontro-ezami; 10 u 23 ta’ April u 8, 19 u 27 ta’ Mejju  2003 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; 12 ta’ Gunju 2003 fejn xehed P.C. 1437 Norman Xeureb; 28 ta’

Gunju u 8 ta' Lulju 2003 fejn xehdet il-konvenuta; 8 ta' Lulju 2003 fejn xehdu Suzanne Lanzon u Ian Fleri Soler; 15 ta' Lulju 2003 fejn xehdet Joan Fleri Soler u Joanne Pace.

Rat id-dokumenti esebiti minn fol. 200 sa fol. 420 tal-process;

Rat ir-rikors (4) tal-konvenuta datat 25 ta' Novembru 2002 fejn talbet l-isfilz ta' l-affidavit ta' Carmel Bugeja *stante* li ma kienx indikat fil-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat ir-rikors (5) tal-konvenuta datat 25 ta' Novembru 2002, u r-risposta datata 21 ta' Jannar 2003 u d-digriet datat 24 ta' Jannar 2003 fejn giet michuda it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2003; tal-15 ta' Jannar 2004 fejn il-Perit Legali ddikjara li gie a konjizzjoni tieghu l-affidavit ta' Elisa Pace, Giselle Micallef Grimaud u Carmel Bugeja li waqt il-proceduri quddiemu ma gewx a konjizzjoni tieghu. Huwa ddikjara li hu qrahom illum stess u li m'ghandu xejn xi jzied jew ibiddel ma' dak minnu sottomess fir-rapport peritali, senjatament a fol.14, 17 u 20 ta' l-istess rapport u ghalhekk kien fil-pozizzjoni li jahlef ir-rapport. Il-Perit Legali halef ir-rapport;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Mark Chetcuti datat 14 ta' Novembru 2003 u mahluf u kkonfermat fil-5 ta' Jannar 2004a fol. 455 sa fol. 478 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2004;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 22 ta' April 2004 li biha esebiet affidavit taghha iehor (a fol. 489);
Rat ir-rikors (1) ta' l-attur datat 19 ta' Jannar 2004 u d-digriet datat 20 ta' Jannar 2004;

Rat ir-rikors (6) tal-konvenuta datat is-27 ta' Frar 2004 u d-digriet datat l-1 ta' Marzu 2004;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2004 fejn xehed A. Id-difensuri talbu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' hamsin (50) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu hamsin (50) gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005;

Rat ir-rikors (7) tal-konvenuta tal-31 ta' Mejju 2004 fejn talbet lill-Qorti sabiex jinstemghu xi xhieda ohra quddiem Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 2004 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat ir-rikors (8) tal-konvenuta ta' l-1 ta' Lulju 2004 (a fol. 5047);

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati tat-12 ta' Lulju 2004;

Rat id-digriet tal-15 ta' Frar 2005, fejn il-Qorti irrizervat li *se mai* tipprovdi dwar l-istess fis-sentenza taghha dwar il-kawza attrici u l-kontro-talba tal-konvenuta.
Rat ir-rikors (9) tal-konvenuta tas-17 ta' Novembru 2004 fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tinzamm seduta ohra quddiem il-Perit Legali;

Rat id-digriet tat-8 ta' Frar 2005 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attur** fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu sostna li huwa nnota l-kambjament f'martu xi hames snin wara li

zzewgu u kull meta pprova jifthilha ghajnejha kienet targumenta u taghmel xenati quddiem it-tfal. Meta f'Jannar 2001 martu bdiet il-proceduri, hu ghamel minn kollox biex jirrikoncilja imma hi rrifjutat li tmur ghall-*counselling* u nsistiet li ma riditx issalva z-zwieg. Il-partijiet damu sena jippruvaw jaslu ghal ftehim bonarju u fil-fatt sar anke abbozz miftiehem u ghalkemm kellhom data mill-Qorti ghall-pubblikazzjoni tal-minuta tas-separazzjoni din baqghet ma gietx pubblikata ghax il-konvenuta rrifjutat li tattendi.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur xehed li mill-bidu taz-zwieg martu ma kienitx dedikata ghall-hajja tal-familja. Ma kienitx taghti kaz it-tisjir u t-tfal kienet titmaghhom pastizzi, pizza jew *burgers* u mhux ikel sostanzjuz. Aktar kien mohhha biex tara t-*television* jew tilghab loghob bil-*computer* jew *playstation.* Fid-dar kien hemm hafna dizordni li sahansitra ommha u hutha gibdulha l-attenzjoni dwar dan. Kienet ukoll thobb tohrog tolghab il-karti fid-djar ta' shabha. Huwa dejjem hadem hafna sahansitra hadem *part-time* ghall-familja. Martu qatt ma kkontribwiet finanzjarjament u kienet tippretendi li jmorru *weekend breaks*. B'hekk qatt ma seta' jfaddal xejn.

Illi huwa qal li t-tfal kienu jippreferu li jsajjrilhom hu u meta kien ikollhom bzonn xi haga u huwa jkun id-dar, hija kienet tibaghthom ghandu biex tkompli tara t-*television* jew tilghab.

Illi l-problemi kibru meta hi riedet tmur Hal Ferh u ghalkemm qalilha li finanzjarjament ma kellhomx mezzi, ceda biex ma jaqlax inkwiet. Meta gew lura sab ittra ta' Dr Ragonesi. Huwa rrealizza li martu qatt ma kienet kuntenta fiz-zwieg ghax huwa ma setax joffrilha hajja komda kif kellhom hutha u kif kienet imdorrija tghix. Minn mindu bdew il-proceduri ta' separazzjoni l-attur jallega li martu tohrog kwazi kuljum u tirritorna lura d-dar kmieni filghodu ghall-habta tas-saghtejn.

Illi fid-dikjarazzjoni guramentata taghha l-**konvenuta** sostniet li l-inkwiet beda` *circa* hames snin wara z-zwieg. L-attur gieli sawwatha. Darba minnhom hija marret ghand

id-difensur legali taghha li hu zijuha. Il-kontendenti marru ghandu biex jirrikonciljaw u l-attur, skond hi ammetta li kien sawwat lil martu.  L-incidenti baqghu jikbru u ghalkemm hi marret ghand Dun Victor Zammit McKeon ghall-ghajnuna, l-attur ma riedx ikellmu. Dan kien ghall-habta tas-sena 2000. Kien hawn li hija pproponiet separazzjoni u ghalkemm ommha ppruvat tirrikonciljahom u l-istess konvenuta regghet marret ghand Dun Zammit McKeon.  Ir-rikonciljazzjoni ma sehhitx.

Illi hija xehdet li ghalkemm zewgha kellu qligh ta' aktar minn sitt elef lira Maltija (Lm6,000) kien jaghti lil martu hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha biss u minnhom kienet tiehu hsieb l-ikel. Meta ppruvaw l-ahhar rikonciljazzjoni fuq inizjattiva ta' ommha, l-attur ipprometta li jaghtiha erbghin lira Maltija (Lm40) ohra fix-xahar ghal xiri ta' hwejjeg pero` tahomlha darba biss.  Fis-snin kollha kien jaghtihom biss ghoxrin lira Maltija (Lm20) darbtejn fis-sena. Anke meta ghamel perjodu jahdem fil-Libya u kien jircievi xi erba' mitt lira Maltija (Lm400) fix-xahar *extra* huwa kien jaghtiha mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135) ghal tlett gimghat.  Il-paga tieghu baqghet tizdied tant li c-*children's allowance* tnaqqsitilha minn hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85) ghal tlettax-il lira Maltija (Lm13) kull tlett xhur. Meta fl-1998 marret Spanja ma' zewg uliedha hallset ghal dan minn butha.  Fis-sena 2000 l-attur hadhom erbat ijiem Hal Ferh u nefaq xi disghin lira Maltija (Lm90).

Illi hija ssostni li dejjem hasslet u sajjret ghall-familja pero` mis-sena 2000 ma ghaddietx aktar il-hwejjeg ta' zewgha ghax ghamlilha ferita hafifa bil-hadida. Kemm damu mizzewgin l-attur qatt ma xtralha hwejjeg jew hareg lill-familja tiekol barra.

Illi hija xehdet ukoll li kellhom Fiat Punto. Billi zewgha ma hallasx il-kambjali, il-Fiat, li maghhom l-attur hu mpjegat, hadet il-pass insolitu ma' mpjegat taghha, li qabdithielu u l-vettura kellha tinbiegh. B'hekk hija giet imcahhda minn uzu ta' karozza li biha kienet tiehu lit-tfal l-iskola u ghall-bzonnijiet l-ohra taghhom. B'hekk kellha tibda' taghmel kollox bil-mixi.

Illi l-konvenuta xehdet li minhabba n-nuqqas ta’ flus hija kellha tissellef flus minghand huha u ghal sentejn l-attur ma hallasx il-kontribuzzjonijiet ta’ l-iskola. Minn Settembru 2000 l-attur ma hallasx il-lezzjonijiet u kotba tal-pjanu ta’ bintu u naqas li jhallas it-trasport ta’ l-iskola avolja kien obbligat b’digriet tas-Sekond’Awla. Huwa kkancella t-trasport tas-subien u tat-tifla thallasha l-konvenuta.

Illi B ssostni li zewgha kien krudili maghha u hija ssemmi diversi kazijiet bhal meta kienet tuza l-karozza kien inehhilha *parts* minnha jew jehodha hu; meta kellha problema b’ghonqha u ma setghetx terfa’ kellu jaghmlilha *washroom* fil-bitha u din qatt ma saret; meta naqas li jixtri l-kotba ta’ l-iskola tat-tfal ghas-sena 2001 u anqas xtara l-uniformi tat-tifla tant li kellha tiddobba wahda; meta kien jonqos ripetutament li jigbor it-tfal mill-iskola jew jghidilhom li mhux ser iwassalhom jew iwassalhom tard; meta johrog lit-tfal u jdahhalhom tard avolja l-ghada jkollhom ezami jew jitolbuh jixtrilhom pizza u jixtrilhom borza *chips* u l-pizza jikolha hu; meta l-attur skonnetta l-*computer* biex ma jintuzax.

Illi hija xehdet li l-attur gie kkundannat multa mll-Qorti tal-Magistrati ghax ikkaguna ferita hafifa fuq martu.

Illi in kontro-ezami xehdet li llum hija qeghda hazina mill-flus u anke qabel is-separazzjoni zewgha kien ihalliha nieqsa.  Hi ma kienitx taf jekk zewgha jahdimx *part-time* llum u x’introjtu kellu jew ghandu. Qalet li l-inkwiet beda` wara li twieldet it-tifla fl-1989. Ghall-ewwel snin kienet tiftah qalbha mal-familjari taghha izda mill-1992 ‘il quddiem kienet marret tkellem lil Fr Zammit McKeon u anke lil zijuha Dr Ragonesi. Qalet li l-ahhar li r-ragel hadhom Ghawdex kien bejn l-1993 u 1995 u jista’ jkun xi ftit aktar tard ukoll. Qalet li dan l-ahhar zmien hadet b’xi elf u mitt lira Maltija (Lm1,100) parti minn sehemha mill-wirt ta’ missierha ghax inbieghet dar mill-wirt tal-familja ta’ missierha.

Illi dwar l-abbozz ta’ separazzjoni hija qalet li ma qablitx li tohrog mid-dar u r-ragel jibqa’ fiha ghal certu perjodu

sakemm tinbiegh. Ma qablitx li thallas nofs il-pagamenti tal-*loan* tad-dar f'dan il-perjodu. Ma qablitx li jekk tohrog tahdem jitnaqqas il-manteniment; u lanqas qablet li hi thallas nofs id-dejn tat-taxxa.
Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenuta, **A** cahad li qatt sawwat lil martu jew li ammetta ma' xi hadd li qatt sawwatha. Jammetti pero` li kien ikollhom argumenti serji u shan. Huwa cahad li qatt ikkawza ferita fuq martu b'hadida tal-moghdija. Cahad ukoll li qatt irrifjuta rikonciljazzjoni pero` ma riedx imur ghand persuna li kienet habiba ntima tal-familja ta' martu. Sostna wkoll li apparti l-manteniment li kien jghaddi lil martu fil-gimgha kien ihallas l-ispejjez edukattivi, medicini u hwejjeg kemm tal-konvenuta u tat-tfal.

Illi rigward il-karozza hu nnega li bieghha *ad insaputa* ta' martu tant li hi ffirmat ghall-bejgh taghha quddiem l-avukati tal-partijiet. Dwar it-trasport ghall-iskola, hu jwassal is-subien l-iskola filwaqt li qabel ma nbieghet il-karozza, l-konvenuta minghajr ma kkonsultat mieghu, ordnat it-trasport ghat-tifla u ghamlet xi gimghatejn qabel ma' l-attur kompla jwassalha hu. Huwa dejjem wassal lit-tfal l-iskola hlief il-ftit drabi meta jkun ma jiflahx. Mhux minnu anqas dak li martu qalet dwar l-ikel li jixtri lit-tfal anzi hafna drabi hu jiekol biss dak li jhallu warajhom it-tfal. Dwar il-*geyser* irrileva li nehha l-*fuse* fuq parir ta' *electrician* peress li kien gie alterat mill-konvenuta. Dwar il-*wires* tal-*computer* qal li qalaghhom ghax meta ma jkunx id-dar martu kienet tidhol tilghab sieghat twil fuq il-*computer* u tpejjep fil-kamra tas-sodda tieghu.

Illi in kontro-ezami xehed li sakemm kien hemm id-digriet tas-sekond'Awla kien jaghti lil martu kwazi tlett mitt lira Maltija (Lm300) fix-xahar u gieli aktar. Suggerit li bejn l-1988 u l-1994 kien jaghti lil martu hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha qal li ma jafx pero` zgur li l-manteniment ma jinkludix kollox bhal *petrol*, hwejjeg u bzonnijiet tat-tfal. Gieli marru s-*supermarket* u hallas hu u xtara hwejjeg tat-tfal. Lanqas ma seta' jiftakar kemm kien jaghtiha manteniment sa l-1999. Beda' jzomm rendikont mill-1999 u kien jaghtiha bejn sittin u sebghin lira Maltija

(Lm60 u Lm70) fil-gimgha b'*cheque* u jaghtiha aktar fi flus meta jkollha bzonn.

Illi ghalkemm martu kienet tixtri l-ikel pero` ma kienitx issajjar dejjem. Mill-anqas darbtejn fil-gimgha ma kienitx issajjar. Rigward id-donazzjonijiet lill-iskejjel tat-tfal qal li hu l-ahhar li hallas kien ghas-sena skolastika 1999-2000. Rigward il-karozza qal li din inbieghet bil-kunsens taz-zewg partijiet quddiem l-avukati jumejn qabel ma kellhom jiffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni. Kellu dejn fuqha ta' xi elfejn, disa' mija u hamsin lira Maltija (Lm2,950). Huwa spjega li ma kienx hallas il-kambjali ghax ma kellux flus wara li kien jaghti l-flus lil martu u jzomm ghalih biex isajjar u jghix. It-*telephone* sar *EasyLine* fl-2001 minhabba l-kontijiet gholjin li kien jircievi *circa* xi erbghin lira Maltija (Lm40) kull xahrejn. Hu kien juza' l-*mobile* mill-1998 'il quddiem u ma kellux ghalfejn juza' t-*telephone* u anqas l-*EasyLine* li jintuza' permezz ta' *prepaid card.*

Illi lit-tifel u lit-tifla xtralhom *mobile* u hareg parti sostanzjali mill-prezz taghhom. Dwar it-trasport ghall-iskola hu qal li qatt ma halla ghax ma kienx hemm ebda trasport. Dejjem wasluhom hu jew martu jew bi ftehim mal-girien. Rigward kontijiet ta' l-ilma qal li hemm pendenti mitejn u tletin lira Maltija (Lm230) *circa* li minnhom qed jikkontesta mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm173). Cahad li l-konvenuta tiehu hsieb il-bzonnjiet tat-tfal. Il-kotba ta' l-iskola u anke uniformijiet ihallas ghalihom hu. Cahad ukoll li meta martu kellha l-karozza fil-maggoranza kienet iggibhom u tehodhom hi. Is-subien dejjem hadhom u gabarhom hu filwaqt li lit-tifla kienet tiehu hsiebha martu jew l-girien. Fl-ahhar zmienijiet cjoe` minn April 2003 waqaf jiehu u jigbor lit-tfal mill-iskola peress li martu waqfet issajjarlu.

Illi huwa qal li ghandu television bil-*cable* fil-kamra tieghu u l-kontijiet imhallsin. Hemm *television* bl-*aerial* f'kamra tas-sodda ohra. Huwa nehha l-*cable* mill-kcina minhabba l-vendikazzjonijiet ta' martu billi ma ssajjarlux u tahsillu l-hwejjeg. Il-*computer* fil-kamra tieghu juzawh hu u t-tfal. Hemm *computer* iehor fid-dar. Huwa kkonferma li fl-ahhar zmienijiet wehel multa darbtejn ghax gie misjub hati li sawwat lil martu ghalkemm jinsisti li mhux minnu.

Ikkonferma wkoll li meta l-kontendenti kienu marru ghand Dr Ragonesi ghall-laqgha ta' rikonciljazzjoni hu kien accetta li jzid il-manteniment lil martu. Huwa cahad li ma xtarax il-kotba ta' l-iskola lit-tifla ghax kien jixtri kull ma jhallu fil-lista. Ammetta li t-tifla tkellmu biss ghall-bzonn biex jaghtiha xi flus.
Illi **Gavino Tulo,** xhud ta' l-attur, xehed li hu ltaqa' mal-konvenuta meta kien fuq btala Malta ftit qabel ma l-kontendenti zzewgu. Induna li kienet tuza' atteggjament distakkat minnu, kwazi ta' dwejjaq u sopportament. Kienet tkun arroganti fl-imgieba taghha u tippretendiha. Fil-*honeymoon* marret ghandu u martu u kienet toqghod ghal rasha. Sena minnhom huwa u martu gew btala Malta u marru joqoghdu ghand il-kontendenti. Il-konvenuta qatt ma nadfet id-dar, sajret u hadet hsieb il-familja taghha kif suppost. Jekk riedu jixtru kienu jixtru u jsajru huma. Il-konvenuta kienet tghid li ma ssajjarx ghax ma kellhiex guh. Kienet tiekol hafna cikkulata u t-tfal jixorbu halib biss. Il-platti u l-borom mhux mahsulin kienu jintnu.

Illi huwa qal li hafna drabi l-attur kien jiekol ghandhom ghax martu ma ssajjarx. Kien jissaportiha minhabba t-tfal. Fis-Sajf il-konvenuta kienet tqatta' parti sostanzjali mll-gurnata fil-*club* tan-Neptunes. It-tindif kien isir minn seftura li tmur nofs ta' nhar f'gimgha. Kull meta marru ghand il-kontendenti kollox kien ikun ta' taht fuq u z-zarbun kien jehel ma' l-art bil-hmieg. Il-hwejjeg kienet thallihom granet shah fil-*washing machine* minghajr ma tonxorhom jew thalli hwejjeg mahmugin jigru mad-dar ghall-granet shah specjalment ma' l-art.

Illi **Mary Anne Tolu,** oht l-attur, xehdet illi apparti dak li qal zewgha ulied il-partijiet jidhru malnutriti u kull meta jkunu ghandha dejjem ikunu bil-guh. F'aktar minn okkazjoni wahda sewwiet hwejjeg ta' taht u ta' fuq tat-tfal li kienu mqattghin. It-tfal ma kienux ikunu mizmuma puliti.

Illi wara li mietet ommhom fl-2001 hi kienet qed tamministra l-wirt u huha l-attur talabha xi flus ghax ma kellux flus. Il-konvenuta qatt ma gergret dwar il-qaghda finanzjarja tal-kontendenti. Huha pero` kien jghidilha li l-

konvenuta kienet tonfoq u dejjem trid tixtri affarijiet godda ghad-dar biex tkun bhal hutha li setghu jippermettu l-lussu.

Illi **Elisa Pace** xehdet li hija saret taf lill-konvenuta minhabba li kienu jiltaqghu klikka hbieb ghand xulxin biex jilghabu l-karti. Huma kienu jiltaqghu darba fil-gimgha fix-xhur tax-Xitwa f'dar differenti ta' kull wahda minnhom. Hija qalet li meta kien ikun imisshom ghand B kienet tinnota li meta zewgha kien jigi lura mix-xoghol ma kienx ikollu l-ikel lest jew xi ikel li qed isir. Kien hemm drabi fejn qabel ma jibdew jilghabu kienu jizbarazzaw l-affarijiet li kienu jkunu jigru fil-kcina. Kien ikun hemm hafna mbarazz mad-dar kollha. It-tfal, skond hija, kienu jithallew ghal rihhom.

Illi **Giselle Micallef Grimaud** bejn wiehed u iehor ikkonfermat dak li xehdet dwaru Elisa Pace.

Illi **Carmel Bugeja** xehed li ilu jaf lill-kontendenti tlett snin minn qabel l-affidavit ghaliex jiffrekwentaw in-*Neptunes Pitch* bit-tfal taghhom. Huwa u martu jmorru kwazi kuljum bit-tfal fix-xhur tas-Sajf filwaqt li jmorru anqas fix-xhur tax-Xitwa. Huwa xehed li kull meta jmorru hemmhekk kienu jiltaqghu ma' B u A u t-tfal taghhom. Huwa qal li qatt ma nnota li l-koppja Ciappara kellhom xi problemi matrimonjali. Huwa kompla li kien jinnota li A kemm-il darba kien jarah jixtri ikel lit-tfal minghajr ma jiekol hu. Kien hemm drabi fejn kien jispicca jiekol il-fdalijiet ta' wliedu. Meta x-xhud ra t-tfal ma' A dejjem rahom jieklu u meta jsaqsuh biex jixtrilhom xi helu jew gelat qatt ma cahhadhom.

Illi l-konvenuta sejhet diversi xhieda in sostenn ta' l-allegazzjonijiet taghha.

Illi **Alan Fleri Soler,** huha, xehed li ohtu kienet tghidlu diversi drabi li nieqsa mill-flus u semma' zewg okkazjonijiet wahda f'Settembru 2000 fejn taha mitt lira Maltija (Lm100) lil ohtu biex tixtri z-zraben ta' l-iskola tat-tfal. Fil-Milied 2001 xtralhom xi zraben u taha b'xi mitt lira Maltija (Lm100) flus lil ohtu. Darba ra lil ohtu bit-tfal sejrin lura d-dar mill-iskola bil-mixi u tahom *lift.*

Illi **Joanne Pace**, oht il-konvenuta, xehdet li s-sitwazzjoni konjugali ta' ohtha hzienet wara t-tielet tarbija. Ohtha dejjem tilmenta li ma kellhomx flus bizzejjed ghall-bzonnijiet tal-familja u ma kienitx taf l-introjtu ta' zewgha. Kellmithom diversi drabi fuq hekk. Ohtha kienet tghidilha illi meta kien ikollhom xi jghidu zewgha kien johdilha l-vettura u kienet titlobha tghinha biex ma timxix distanzi kbar mid-dar. Anke zewg ix-xhud gieli silifha l-vann tieghu meta ma kellhiex karozza. Ghenet lil ohtha diversi drabi finanzjarjament biex tixtri hwejjeg ghaliha u t-tfal u b'kollox tatha xi erba' mitt lira Maltija (Lm400). It-tfal huma mdejqin u gieli Matthew jmur ghandha u meta jasal il-hin li jmur id-dar giel qalilha bex jibqa' ghandha gurnata ohra. L-attur qatt ma kkumplimenta lil martu quddiemha anzi kien jikkritikaha ghax kien jghid li qatt ma ssajjar, qatt ma taghmel xejn u dejjem tilghab bil-*computer*.

Illi sussegwentement regghet xehdet u qalet li ghenet finanzjarjament lill-konvenuta tul l-ahhar sena. Qalet li t-tfal imdejqin u sejrin lura fl-iskola. Irrakkontat illi f'okkazjoni ohtha qaltilha li zewgha heddidha b'sikkina.

Illi **Nadyne Cassar De Sain**, oht il-konvenuta, ikkonfermat ukoll li gieli waslet lil ohtha u lil uliedha fejn ikollhom bzonn imorru ghax zewgha kien jodilha l-karozza. Qalet ukoll li l-konvenuta kienet tilmenta minn nuqqas ta' flus ghall-hwejjeg u diversi drabi x-xhud tatha hwejjeg uzati biex tilbishom hi. L-attur dejjem jikkritika u jmaqdar lill-konvenuta.

Illi **Susan Lanzon**, oht il-konvenuta, xehdet li l-konvenuta kienet tilmenta minn nuqqas ta' flus u ma kienitx kuntenta. Ix-xhud tatha izjed minn mitejn lira Maltija (Lm200) tul iz-zmien. L-attur kien jghid lil martu quddiem ix-xhud li ma kienet tajba ghal xejn. Gieli hadilha l-karozza anke meta kienet tqila u kienet iccempel lix-xhud biex twassalha fejn riedet tmur. Meta kellha tmien xhur tqala bl-ahhar tarbija ohtha marret b'idejha minfuha u qaltilha li l-attur ilwielha jdejha biex johdilha c-cavetta tal-karozza. Qalet ukoll li taf li l-attur kien jiskonnetti t-telefon.

Aktar tard regghet xehdet u qalet li wara l-affidavit li ghamlet ohtha, il-konvenuta qaltilha li zewgha rega’ refa’ jdejh fuqha u fil-fatt ratilha tbengila. Qaltilha li zewgha jahqarhom ghax inehhi l-*fuses* mill-*geyser* u ma jkollhomx ilma shun. Talbitha wkoll tahslilha l-hwejjeg ghax il-*washing machine* kellha l-hsara u zewgha ma riedx isewwiha.

Illi **Ian Fleri Soler**, hu l-konvenuta, xehed li bejn Lulju u Settembru 2001 u Lulju u Awissu 2002 hu silef il-karozza tieghu lil ohtu ghax zewgha kien hadilha l-karozza li kellha u kellha bzonn trasport biex tiehu t-tfal fejn riedu jmorru. Issa xtratilha karozza ommha. Taha wkoll xi hamsin lira Maltija (Lm50) f’diversi okkazzjonijiet biex tixtri *cards* tat-telefon ghax ma kellhiex flus. Bejn Ottubru 2001 u Mejju 2002 kien iwassal lit-tifla s-Swieqi ghall-lezzjonijiet tal-pjanu. Aktar tard rega’ xehed u kkonferma li ohtu qaltlu li zewgha kien heddidha b’sikkina u sawwatha u li ratilha tbengila fuq sieqha.

Illi **Joan Fleri Soler,** omm l-attrici, xehdet li tul l-ahhar ghaxar snin ghenet lil bintha finanzjarjament ghax kienet tkun nieqsa mill-flus ghax kien jghaddilha l-flus tard u ma kienx jaghtiha bizzejjed ghall-ghixien tal-familja. Kienet taghtiha bejn hamsin u mitejn u hamsin lira Maltija (Lm50 u Lm250) fis-sena. Diversi drabi xtrat hwejjeg ghal bintha u uliedha u ghal sentejn hallset il-lezzjonijiet, kotba u ezamijiet tal-pjanu tat-tifla. Bintha kienet tghidilha li zewgha kien jheddidha li johdilha l-karozza jew jaqtalha t-*telephone*. Meta kien jaghmel hekk bintha kienet tmur ghandha biex iccempel jew biex hutha jselfuha karozza. F’Mejju u Gunju 2001 hallset ghat-trasport tas-subien avolja bid-digriet tal-Qorti kellu jhallas l-attur.

Illi hija kompliet li darba l-attur sawwat lil martu serjament u wissietu ma jergax u ghalkemm ammetta maghha li kien sawwatha u ma jergax, ma zammx kellmtu. Dan l-ahhar xtrat karozza lil bintha peress li bintha bla karozza u dan bil-prezz ta’ elf u hamsin lira Maltija (Lm1,050). Il-karozza hi registrata fuq huha Alan Fleri Soler.

Illi aktar tard regghet xehdet u qalet li sellfet xi flus lit-tifla ghas-*summer school* ta' binha Matthew. Qalet li l-attur ma kellux hlewwa ma' martu u dejjem waqqaghha ghac-cajt. Irrakkontat episodju meta bintha kellha xi haga f'ghonqha u ghalkemm l-attur weghdha li ser jaghmlilha l-*washing machine* aktar accessibbli baqa' m'ghamlilha xejn.

Illi **Dun Victor Zammit McKeon** xehed li fl-ahhar snin il-konvenuta marret diversi drabi ghandu biex jghinha fil-problemi konjugali. Kiteb lil A biex imur ikellmu izda ma marx.

Illi **Dr Victor Ragonesi** xehed illi l-konvenuta hi n-neputija tieghu. Snin ilu l-konvenuta cemplitlu biex tghidlu li zewgha kien jitrattaha hazin u jsawwatha u jhalliha minghajr flus. Hu ssugerixxa li jkellimhom bhala membru tal-familja u marru jkellmuh. A ammetta li gieli sawwat lil martu u assigurah li ma kienx ser jaghmel hekk aktar u li kien ser jaghtiha bizzejjed flus ghall-bzonnijiet tal-familja, u jikkollabora ma' martu biex jieqaf id-dizgwid.

Illi **Isabelle Pace** xehdet dwar episodju li sehh meta kienet fin-*Neptunes Club* f'Lulju 2001. Hija kienet mat-tifla taghha u l-konvenuta kienet hemm ukoll mat-tfal taghha. Hin minnhom rat lill-attur u wara ftit telaq minghajr ma kellem lil martu. Il-konvenuta marret fejn halliet il-karozza u giet lura ftit wara u qaltilha li l-karozza ma sabithiex. Qaltilha tiehu hsieb lit-tfal biex tmur id-dar u meta marret lura l-konvenuta qaltilha li l-karozza sabitha fil-*garage* bla *number plates* u licenzja.

Illi **Maria Assunta Busuttil** xehdet li l-familja taghha u tal-kontendenti ilhom jafu lil xulxin xi hdax-il sena. Mill-1998 sa l-2000 kienu jmorru *camping* flimkien u kien ikollhom kamp hdejn xulxin. Kull meta xi hadd kien jaghmel xi haga l-attur kien jghid li martu ma tafx taghmilha u kull haga li kienet taghmel kien jghidilha li ma taghmilhiex sew.

Illi wara din ix-xhieda l-attur rega' ghamel affidavit biex jikkontradixxi x-xhieda mressqa minn martu. In kwantu ghal dak li xehdet Susan Lanzon cahad li qatt halla lil

martu nieqsa mill-flus jew li kien jghajjarha quddiem terzi ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet fejn kien igerger dwar in-nuqqasijiet taghha. Huwa qal li Susan stess kienet tghajjat mal-konvenuta dwar l-istat tad-dar u l-hwejjeg. Rigward it-*telephone* qal li dan gie maqtugh mill-Maltacom ghax ma giex imhallas kont pendenti u dahlu fl-*EasyLine* peress li l-kontijiet tat-*telephone* zdiedu esageratament mindu bdew il-problemi matrimonjali. Rigward Isabelle Pace qal li din ma taf xejn *de proprio.*

Illi rigward l-affidavit ta' Joanne Pace qal li kien biss l-ahhar sena qabel beda` l-inkwiet li ppruvat tirrangahom. Qaltilhom biex l-attur jaghti aktar flus lill-konvenuta u l-konvenuta tibda tiehu hsieb lit-tfal, lill-attur u d-dar. Ghalkemm huwa ghamel hiltu biex jghaddilha aktar flus, hija baqghet bil-hajja ta' qabel cjoe` tilghab il-karti ghand il-hbieb, ma ssajjarx u ma tnaddafx u thall d-dar fid-dizordni. Rigward l-iskola sostna li dejjem ghamel hiltu biex jigbor lit-tfal tant li kien hemm ftehim mal-principal tieghu biex jiehu l-*break* aktar tard. Kien hemm okkazzjonijiet rari fejn ma setax imur ghalihom bhal mard jew xoghol urgenti li ma setax jigi pospost. Ghalkemm kien jahdem *part-time* ma kellux xi paga sostanzjali. Skond huwa Joanne Pace nnifisha kienet iccanfar lill-konvenuta dwar id-dizordni fid-dar.

Illi rigward l-affidavit ta' Joan Fleri Soler l-attur xehed li l-ispejjez tal-lezzjonijiet privati ta' l-edukazzjoni tat-tfal kien ihallashom meta kienet titolbu martu. Il-kotba tal-pjanu dejjem xtrahom hu. Dwar it-trasport xehed li mhux minnu li ordna xi trasport ghat-tfal. Fil-perjodu li semmiet ix-xhud qal li kienu jmorru bit-tfal hu jew martu. Huwa cahad li qatt ammetta li sawwat lil martu.

Illi rigward l-affidavit ta' Dr Ragonesi cahad li qatt ammetta li sawwat lil martu. Skond l-attur Dr Ragonesi nesa jsemmi li kien canfar lill-konvenuta biex tehu hsieb id-dar u l-familja u tieqaf mill-hrug.

**(II) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

**(a) <u>Responsabbilita'.</u>**

Illi rrizulta li l-partijiet izzewgu fid-9 ta’ April 1989 u kellhom tlett itfal. Huma qed isostnu li z-zwieg taghhom tkisser minhabba tortijiet imputabbli lil xulxin.

Illi minn naha wahda l-attur isostni li martu qatt ma tat kaz il-familja. Hija la kienet issajjar, ma kienitx tnaddaf jew tiehu hsieb lit-tfal. Huwa jghid li d-dar dejjem kienet fid-dizordni. Jakkuza l-martu li kienet xi ftit jew wisq kapriccjuza. *Inoltre* li kienet aktar mohhha tmur tilghab il-karti ma’ hbiebha jew tilghab fuq il-*computer*.

Illi l-konvenuta minn naha taghha sostniet li zewgha kien ihalli lilha u lil uliedha neqsin mill-flus. Dan *nonostante* li kellu u ghandu ntrojtu tajjeb. Infatti hija kemm-il darba kellha tirrikorri ghall-ghajnuna finanzjarja minghand il-familjari taghha. Ukoll hija allegat li huwa sawwatha diversi drabi.
Illi m’hemm l-ebda dubju li f’dan iz-zwieg kien hemm problemi miz-zewg nahat. Huwa zgur li wahda mill-problemi kienu l-flus. Irrizulta mill-provi li l-attur kellu mpjieg tajjeb b’paga tajba. Huwa qal li kien jaghti flus lil martu tlett mitt lira Maltija (Lm300) jew aktar fix-xahar. Il-konvenuta qalet li hu kien jaghtiha hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha u kien wara laqgha ma’ Dr Ragonesi li ziedha fil-manteniment. Ghalkemm fl-ahhar snin il-paga tieghu jidher li zdiedet pero` l-manteniment tal-mara zdied ghal hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) u fl-ahhar ghal sittin lira Maltija (Lm60) fil-gimgha. Mid-dokumenti esebiti rrizulta li l-introjtu tieghu kien jippermetti li l-ammonti ghall-hajja jkunu ferm aktar *tenendo* kont ukoll li huma ghandhom tlett itfal minuri. Huwa ghamel zmien jahdem *part-time* jew inkella mar barra minn Malta fuq xoghol stess u thallas *extra*.

Illi rrizulta mid-diversi xhieda prodotti mill-konvenuta li A kien izomm idejh hafna fejn kienu jidhlu flus u b’hekk il-familja tieghu sabet ruhha f’diffikultajiet. Il-versjoni li taw huma hija kredibbli ghaliex l-attur wera bl-azzjonijiet tieghu, anke wara li bdew il-proceduri tas-separazzjoni li l-flus ghalih huma ferm importanti aktar milli wliedu jkunu komdi. Anzi jinghad li ma hemm l-ebda dubju li wera

certu pika zejda li l-aktar li laqtet kienet lil uliedu aktar milli lil martu.

Illi bizzejjed jissemma il-fatt li waqaf ihallas il-kambjali tal-karozza biex b'hekk spiccaw ibieghuha u martu spiccat bla karozza dejjem tipprova tissellef il-karozza minghand hutha. Tant huwa hekk li omm l-attrici spiccat xtratilha karozza sabiex tkun tista' taqdi l-qadi primarjament ghat-tfal. *Inoltre* ma thallsux il-kontijiet tat-*telephone* u *cable television* u ghalhekk kien hemm qtugh ta' dawn is-servizzi izda l-*cable television* fil-kamra tas-sodda tieghu hallieh. Rigward servizz tat-*telephone* ghandom l-*EasyLine* li jintuza' permezz ta' *prepaid card* imma ovvjament ladarba l-attrici kienet nieqsa mill-flus din kienet limitazzjoni ghaliha. Mhux hekk biss l-attur xehed li minn mindu xtara l-*mobile* huwa jcempel bih – jigifieri ma tantx qies l-interessi ta' wliedu. Ukoll huwa ma baqax ihallas kwalsiasi kontribuzzjoni ta' l-iskola tat-tfal mis-sena 2000 'l hawn. Biex tkompli tiggrava s-sitwazzjoni huwa xehed li ladarba martu ma baqghetx issajjarlu huwa waqaf imur ghat-tfal biex jigborhom mill-iskola.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan il-komportament *da parte* ta' l-attur huwa ghall kollox inaccettabbli ghaliex kemm jista' jkun il-problemi ta' bejn il-genituri m'ghandhomx ibatu t-tfal jew aghar jintuzaw bhala mezz ta' tpattija'. F'dan il-kuntest ma' hemm l-ebda dubju, anke kif ikkonstata l-istess Perit Legali, li dan l-agir ta' l-attur kien kawza principali tal-firda bejn il-kontendenti, u jidher car li anke meta l-istess attur kellu din il-kawza pendenti ghamel kemm seta' sabiex iwegga' lill-istess konvenuta, u f'dan il-kuntest jidher li anke wegga' lil uliedu stess.

Illi l-konvenuta allegat ukoll li zewgha sawwatha diversi drabi. L-attur stess ammetta li gie misjub hati li sawwat lil martu anke jekk baqa' jsostni li s-sentenza hi zbaljata. Il-konvenuta u membri tal-familja taghha xehdu li kien hemm aktar minn okkazjoni wahda fejn zewgha refa' jdejh fuqha u raw anke tbengil fuqha. *In vista* ta' l-ammissjoni ta' l-attur li nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll tax-xhieda prodotti, din il-Qorti tasal biex taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali li l-attur verament refa' jdejh

fuq martu u fi kliem l-istess Dr Mark Chetcuti *"azzjonijiet li qatt ma jistghu jigu gustifkati, kbira kemm hi kbira kull provokazzjoni li setghet saret".*

Illi l-istess Perit Legali kkonkluda wkoll li l-inkwiet konjugali ma kienx dovut biss ghal nuqqasjijiet serji da parti ta' l-attur. Infatti huwa ssottometta li hi wkoll ghandha n-nuqqasijiet taghha. L-attur allega li martu dejjem kienet ghazziena u ma kienitx tiehu hsieb lil familtha fis-sens ta' ikel, manteniment tad-dar u ta' l-ulied kif ukoll tieghu. Fil-bidu huwa qal li ma kienetx issajjar imbaghad xehed li darbtejn fil-gimgha ma kienitx issajjar. Hija cahdet li ma kienitx issajjar. Madankollu minn xhieda prodotta rrizulta li kien hemm nuqqas minn naha taghha f'dan is-sens forsi s-sitwazzjoni ma kienitx daqshekk gravi daqs kemm tpingiet pero` zgur li kien hemm nuqqas. Il-familjari taghha stess ma nnegawx daqstant tali allegazzjoni. *Inoltre* xehdu hbieb li kienet tqatta' l-hin maghhom tilghab u kkonfermaw li fid-dar dejjem sabu certu dizordni u t-tfal mhollin hafna ghal rashom. B'hekk jidher li l-konvenuta, anke jekk ma kienitx tahdem u ghalhekk suppost aktar kellha cans tiehu hsieb id-dar u l-familja, ma haditx dan l-obbligu b'serjeta' u dan wassal ghall-problemi bejn il-kontendenti.

Illi dwar l-istess konvenuta l-Perit Legali Dr Chetcuti tenna li jidher li B thobb tghix hajja agjata meta l-mezzi, ghalkemm mhux limitati, mhux tali li jippermettu certu stil ta' hajja aktar idonea ghal min jghix bis-servitu' madwaru. Infatti rrizulta li kienet tqatta' hafna hin tilghab fuq il-*computer* jew tmur ghand il-hbieb tilghab il-karti. Huwa kompla pero` li *"mhux qed jissottometti li B ttraskurat lit-tfal fl-iskola jew li ma taghtix kazhom izda ma tatx dik l-attenzjoni u dedikazzjoni fl-aspetti kollha tal-hajja taghhom, li tinkludi l-kura mistennija minn mara tajba tal-familja u f'dan is-sens it-tfal ukoll baghtew mis-sitwazzjoni."*

Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita` principali ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg m'hemmx dubju li din tinkombi l-aktar fuq l-attur A. Huwa minnu li l-konvenuta kkontribwiet ukoll in parti ghall-falliment ta' dan iz-zwieg izda l-agir ta' l-

attur ma jiggustifikax l-agir u l-azzjonijiet ta’ A li fuq kollox kienu ta’ l-aktar detriment ghal uliedu.

**(b)<u>Kura u Kustodja.</u>**

Illi mill-provi prodotti rrizulta li t-tfal baghtew minhabba l-komportament taz-zewg genituri u dan ghandu jigi evitat li jerga’ jigri fil-futur.  Il-kura u l-kustodja tat-tfal ghandha tkun wahda kongunta.  Kif qal il-Perit Legali fir-rapport tieghu l-partijiet fl-abbozz ta’ separazzjoni bonarja bejniethom illi l-kura u l-kustodja ghandha tkun kongunta u l-konvenuta fil-kontro-ezami li sarilha dwar dan l-abbozz ma lmentatx minn din il-kundizzjoni bhala raguni ghalfejn ma sehhx il-ftehim bonarju.

Illi t-tfal ghandhom jirrisjedu ma’ ommhom u jkunu taht il-kura taghha sakemm qeghdin maghha. Il-missier ghandu jkollu dritt ta’ access ghalihom.

Illi fl-abbozz ta’ separazzjoni, il-partijiet kienu lahqu ftehim dwar l-access tar-ragel u wiehed jipprezumi li dan il-ftehim intlahaq wara li ttiehdu in konsiderazzjoni l-bzonnijiet tat-tfal u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dan li kien abbozzat bejn il-partijiet ghandu jigi segwit b’dan ghalhekk li l-attur ghandu jkollu access ghall-minuri bil-mod  segwenti:-

(a) kull *weekend* alternattiv bejn is-Sibt fis-6.00p.m. u l-Hadd fis-6.00p.m.

(b) kull *weekend* alternattiv bejn il-Gimgha fis-6.00p.m. sas-Sibt fis-6.00p.m.

(c) kull nhar ta’ Erbgha bejn is-6.00p.m. u s-7.30p.m., hlief fil-vaganzi meta l-access matul il-Gimgha jsir nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis bejn it-3.00p.m. u d-9.00p.m.  Il-missier ghandu jiehu hsieb li waqt l-access ma jtellifx lit-tfal mill-attivitajiet skolastici jew socjali li jista’ jkollhom.

(d) Kull Milied alternattiv, l-ewwel tas-Sena alternattiv, Hadd il-Ghid alternattiv u l-*birthdays* tat-tfal alternattiv, bejn l-10.00a.m. u s-7.00p.m.

(e) Fil-*birthday* tieghu u *Father's day*, filwaqt li l-access ma jigix ezercitat fil-*birthday* tal-mara u *Mother's day*.

(f) Fil-vaganzi tas-Sajf ikollu dritt li jzomm mieghu lit-tfal ghal ghaxart ijiem konsekuttivi li jigi ezercitat f'dati bi qbil bejn il-partijiet u fin-nuqqas bejn il-15 sa l-24 ta' Awissu ta' kull sena.

Illi r-ragel ghandu jigbor u jirritorna t-tfal mid-dar ta' ommhom.

**<u>(c) Manteniment.</u>**

Illi l-attur esebixxa diversi dokumenti dwar l-introjtu tieghu u fir-rigward tal-mara telghu jixhdu r-rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Illi rrizulta li fis-sena 2002 l-introjtu tar-ragel kien ta' sitt elef, tlett mija u disghin lira Maltija (Lm6,390) f'idejh. Mix-xhieda tar-rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sigurta' rrizulta li *oltre* l-manteniment kif degretat mis-Sekond'Awla B tircievi wkoll hmistax-il lira Maltija u tnejn u sebghin lira Maltija (Lm15.72) fil-gimgha *oltre* lira Maltija u erba' u tletin centezmu (Lm1.34) fil-gimgha *bonus* u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm58) kull sitt xhur bonus ulterjuri. Ix-xhud Carmel Azzopardi xehed illi l-Gvern jaghti manteniment *oltre* dak li qed tircievi bis-Sekond'Awla billi l-Gvern ghandu *ceiling* ta' ammont ta' manteniment li jista' jaghti fic-cirkostanzi. Il-mara tircievi wkoll *children's allowance* ta' *circa* seba' mija u sbatax-il lira Maltija (Lm714) fis-sena pero` skond Saviour Theuma billi d-digriet tal-Qorti stabbiliet kustodja kongunta, hija ser ikollha tirrifondi xi tlett mitt lira Maltija (Lm300).

Illi jinghad li ghalkemm il-mara kkontribwiet ghall-falliment taz-zwieg, dan kien biss in linja sussidjarja, u ghalhekk ghandha jzomm id-dritt taghha li tigi mantnuta mill-attur. Apparti dan hija qatt ma hadmet u mhux daqshekk facli fic-cirkostanzi taghha li ssib xoghol, u ghalhekk l-attur A ghandu jikkontribwixxi kemm ghall-manteniment taghha kif ukoll ghal dak ta' wliedu.

Illi permezz tad-digriet tas-Sekond'Awla Nru 192/01 l-attrici nghatat s-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80) bhala manteniment ghaliha u mija u sebghin lira Maltija (Lm170) ghall-minuri pagabbli kull xahar. Dan apparti li l-konvenut kien gie kkundannat ihallas il-kontijet kollha indikati fl-istess Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 10 ta' April 2001, haga li jidher car li l-istess attur baqa' ma ghamilx.

Illi din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi dan id-digriet ghandu jigi kkonfermat. Barra minn hekk l-attur ghandu jhallas bin-nofs l-ispejjez edukattivi tat-tfal inkluz *school fees* u trasport ta' l-iskola jekk ikun il-kaz, kif ukoll spejjez li huma relatati mas-sahha tal-minuri nkluzi medicinali. Ic-*children's allowance* ghandha tigi percepita mill-konvenuta.

Illi l-manteniment tal-mara m'ghandux jieqaf kemm-il darba hi tahdem *part-time* jew *full-time.* Il-manteniment ta' l-ulied jieqaf malli jaghlqu t-tmintax il-sena jew jimpjegaw ruhhom *full-time.*

**(d) <u>Komunjoni ta' l-Akkwisti.</u>**

Illi rrizulta mill-provi li l-Komunjoni ta' l-Akkwisti tikkonsisti mis-segwenti:-

(a) Id-dar matrimonjali 46, Triq ta' Marmora, San Giljan.

(b) Il-mobbli u oggetti fid-dar matrimonjali elenkati a fol. 63 sa 66 tal-process liema mobbli u oggetti l-partijiet elenkawhom fl-abbozz ta' separazzjoni bonarja. B esebiet ukoll lista ta' proprjeta' parafernali u tal-komunjoni a fol.103 sa 105 tal-process waqt il-kawza.

(c) Flus fil-banek cjoe` erba' kontijiet b'bilanc ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm261.10) ma' l-HSBC u kont iehor b'bilanc ta' sitt liri Maltin (Lm6) mal-BOV.
(d) Fiat 125 Reg. Nru LAG 145 li tinsab *garaged* bla *plates* li dwarha ma nghata ebda valur.

Illi hemm ukoll passiv tal-komunjoni li hu:-

(a) Ammont dovut lil Lohombus ghal *home loan* ta' *circa* sebat elef u hames mitt lira Maltija (Lm7,500).

(b) Ammont dovut lil UCIM ta' hames mija u erbatax-il lira Maltija (Lm514) ghal karozza li llum ma ghadhiex tifforma parti mill-komunjoni ghax inbieghet.

(c) kont mal-Water Services Corporation li parti sostanzjali minnu huwa kontestat.

(d) *Computer loan* zghir hafna.

(e) Debiti ta' *visa card* u *eurocard*, liema cards jintuzaw minn A.

Illi fic-cirkostanzi, d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh in subbasta, u dan fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza, b'dan li mir-rikavat ta' l-istess l-ewwel jithallas kull dejn li hemm mal-bank fuq l-istess dar, u l-bilanc jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi ladarba gie ppruvat li l-attur kien vjolenti fil-konfront ta' martu huwa ghandu jivvaka d-dar fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza, filwaqt li l-istess konvenuta ghandha tivvaka mill-istess dar konjugali fi zmien sena mid-data ta' din id-decizjoni.

Illi rigward l-ghamara u l-oggetti mobbli, l-Perit Legali qasam dawn l-affarijiet kif jidher li l-partijiet kienu ftehmu fl-abbozz prospettat bejniethom. Dawn l-oggetti u mobbli jinsabu a fol. 63 sa 66 tal-process u r-ragel ghandu jiehu l-oggetti kollha elenkati f'Annex "A" u "C", u l-mara ghandha tiehu l-oggetti kollha elenkati f'Annex "B". L-oggetti elenkati f'Annex "D" ghandhom jinqasmu kwantu minn numru 1 sa 6 tehodhom il-konvenuta u minn 7 sa 11 jehodhom l-attur.

Illi ghalhekk l-attur qed jigi assenjat li jiehu *dishwasher*, bomba tar-ramm, *sideboard,* zewg gwardarobbi fil-kamra

tas-sodda ta' Rebecca, ghamara bil-hgieg, ghamara bis-salib ta' Malta, *bunk-beds*, mejda b'zewg saqajn, zewg gwardarobbli li hemm fil-garaxx, *showcase* li hemm fil-*hall*, sufanijiet li hemm fil-*living room*, zewg banketti li hemm fis-*sitting room*, il-*main bedroom*, mejda tat-*television* li hemm fil-*living room, television*, is-sodda ta' Rebecca fil-kamra taghha, *fridge*, *tumble dryer, ronic*, pjanu, *printer,* enciklopedija, *audio stereo, video recorder*, ghodda, *camping tents* u l-*equipment, radiator heater, toaster, electric knife*, *dehumidifier*, tlett (3) *fans* u hadida tal-moghdija.

Illi l-konvenuta qed tigi assenjata s-segwenti: *showcase* antika, *showcase*, mejda tal-pranzu, sitt siggijiet, *coffee table,* siggijiet bil-*cane*, bank zghir, ghamara bil-wicc ta' l-irham, *chaffeneur, corner table* b'sieq wahda, *dressing table* fil-kamra ta' Rebecca, *chest of drawers* fil-kamra tas-subien, bank twil, mejda ta' taht it-televizjoni fil-*main bedroom*, sufanijiet fil-*living room*, gwardarobbi fil-kamra tas-sodda tas-subien, zewg sodod, televizjoni, is-sodda ta' Rebecca fil-garaxx, *washing machine*, *computer*, *kenwood, microwave oven*, zewg *gas heaters, vacuum cleaner, pots, pans* u *cutlery, vesion pots* u *kerusin cooker*.

Illi l-kontijiet tal-bank ghandhom jigu zbankati u l-bilanc jinqasam bejn il-kontendenti.

Illi l-karozza Fiat LAG 145 ghandha wkoll tinzamm mir-ragel peress li l-mara ghandha karozza li xtratilha ommha.

Illi d-djun kollha tal-Water Services Corporation, u kull debitu iehor dovut fuq *computers* u *credit cards* ghandhom jithallsu mill-attur u dan skond id-digriet tas-Sekond'Awla. L-istess jinghad ghal kull kont dovut lid-Dipartiment tat-Taxxa.

Illi fl-istess digriet l-attur kellu jhallas ukoll l-arretrati tal-*house loan*, medicinali tat-tfal, il-*car loan, school fees* u transport, kotba ta' l-iskola filwaqt li l-mara kellu tiehu hsieb id-dar u l-familja, u l-hwejjeg tat-tfal u taghha.

Apparti l-*loan* tad-dar l-attur naqas li jikkontribwixxi fl-affarijiet l-ohra.

Illi l-Perit Legali fir-rapport tieghu kkonkluda li minhabba li l-attur naqas li jhallas ghal certi bzonnijiet ta' l-ulied ghal certu zmien u biex issir ekwiparazzjoni peress li l-karozza Fiat inghatat lill-attur, l-istess attur ghandu jikkompensa lill-konvenuta s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) biex jaghmel tajjeb in parti ghall-hlasijiet li kellha taghmel minn butha jew ghax mghoddija lilha mill-familjari taghha u in parti bhala ekwiparazzjoni ghal zbilanc favur il-konvenuta mill-qsim tal-komunjoni. Din il-Qorti tadotta din il-konkluzjoni u ghalhekk tordna lill-attur ihallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) lill-konvenuta.

Illi fl-ahharnett jinghad li l-attur isemmi kreditu parafernali ta' elfejn, tlett mija u erba' liri Maltin (Lm2,304) li wirithom minghand ommu fis-sena 2000. Minhabba li ma ngiebet ebda prova ta' dan il-kreditu allura dan ma giex ippruvat u ma ghandux jittiehed in konsiderazzjoni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad r-raba' (4), il-hames (5), is-seba' (7), it-tmien (8) u l-ghaxar (10) talba attrici, u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1) Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'dan li l-htija tas-separazzjoni hi attribwibbli principarjament lill-attur u dan peress li l-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta' eccessi, sevizzi, inkluz swat u ngurji gravi li kawza ta' l-istess irrenda l-hajja ta' bejn il-partijiet impossibbli. In linja sussidjarja l-konvenuta wkoll kienet responsabbli wkoll ghal din il-firda minhabba essessi fil-konfront ta' l-attur.

2) Tilqa' t-tieni talba attrici u tawtorizza lill-kontendenti jghixu separati minn xulxin.

3) Tichad *in parte* t-tielet talba attrici billi takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-genituri konguntivament. It-tfal ghandhom jirrisjedu ma' l-omm bid-dritt ta' access tal-missier bil-mod segwenti:-

(a) Kull *weekend* alternattiv bejn is-Sibt fis-6.00p.m. u l-Hadd fis-6.00p.m.

(b) Kull *weekend* alternattiv bejn il-Gimgha fis-6.00p.m. sas-Sibt fis-6.00p.m.

(c) Kull nhar ta' Erbgha bejn is-6.00p.m. u s-7.30p.m., hlief fil-vaganzi l-access matul il-Gimgha jsir nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn it-3.00p.m. u d-9.00p.m. Il-missier ghandu jiehu hsieb li waqt l-access ma jtellifx lit-tfal mill-attivitajiet skolastici jew socjali li jista' jkollhom.

(d) Kull Milied alternattiv, l-ewwel tas-Sena alternattiv, Hadd il-Ghid alternattiv u l-*birthdays* tat-tfal alternattiv, bejn l-10.00a.m. u s-7.00p.m.
(e) Fil-*birthday* tieghu u *Father's day*, filwaqt li l-access ma jigix ezercitat fil-*birthday* tal-mara u *Mother's day*.

(f) Fil-vaganzi tas-Sajf ikollu dritt li jzomm mieghu lit-tfal ghal ghaxart ijiem konsekuttivi li jigi ezercitat f'dati bi qbil bejn il-partijiet u fin-nuqqas bejn il-15 sa l-24 ta' Awissu ta' kull sena.

Illi r-ragel ghandu jigbor u jirritorna t-tfal mid-dar ta' ommhom.

(4) Tichad ir-raba' talba attrici anke peress li mhux il-kaz li din it-talba tigi milqugha u wkoll qed jigu applikati kontra l-attur id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

(5) Tichad din it-talba *stante* li l-attur kien il-kawza principali tal-firda ta' bejn il-partijiet.

(6) Tilqa' s-sitt talba attrici b'dan li tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tillikwida l-istess bil-mod kif gej:-

(a) Illi fic-cirkostanzi d-dar matrimonjali 46, Triq il-Marmora, St. Julians ghandha tinbiegh in subbasta, u dan fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza, b'dan li mir-rikavat ta' l-istess l-ewwel jithallas kull dejn li hemm mal-bank fuq l-istess dar, u l-bilanc jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.
Illi ladarba gie ppruvat li l-attur kien vjolenti fil-konfront ta' martu, din il-Qorti tordna lill-attur sabiex fi zmien qasir u perentrju ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza huwa ghandu jivvaka d-dar fuq imsemmija, filwaqt li l-istess konvenuta ghandha tivvaka mill-istess dar konjugali fi zmien sena mid-data ta' din id-decizjoni, appuntu sabiex isehh il-bejgh in subbasta ta' l-istess immobbli hawn ordnat.

(b) Illi rigward l-ghamara u l-oggetti mobbli jinghad li a bazi ta' dak kollu fuq indikat u *arbitrio boni viri* din il-Qorti qed tordna li ssir is-segwenti assenjazzjoni u divizjoni ta' l-istess b'dan li:-

(i) L-attur qed jigi assenjat li jiehu bhala sehemu mill-komunjoni ta' l-akkiwsti d-*dishwasher*, bomba tar-ramm, *sideboard,* zewg gwardarobbi fil-kamra tas-sodda ta' Rebecca, ghamara bil-hgieg, ghamara bis-salib ta' Malta, *bunk-beds*, mejda b'zewg saqajn, zewg gwardarobbli li hemm fil-garaxx, *showcase* li hemm fil-*hall*, sufanijiet li hemm fil-*living room*, zewg banketti li hemm fis-*sitting room*, il-*main bedroom*, mejda tat-*television* li hemm fil-*living room, television*, is-sodda ta' Rebecca fil-kamra taghha, *fridge*, *tumble dryer, ronic*, pjanu, *printer,* enciklopedija, *audio stereo, video recorder*, ghodda, *camping tents* u l-*equipment, radiator heater, toaster, electric knife*, *dehumidifier*, tlett (3) *fans* u hadida tal-moghdija.

(ii) Illi minn naha l-ohra l-konvenuta qed tigi assenjata s-segwenti bhala sehema mill-komunjoni ta' l-akkwisti u cjoe' ix-*showcase* antika, *showcase*, mejda tal-pranzu, sitt

siggijiet, *coffee table,* siggijiet bil-*cane*, bank zghir, ghamara bil-wicc ta' l-irham, *chaffeneur, corner table* b'sieq wahda, *dressing table* fil-kamra ta' Rebecca, *chest of drawers* fil-kamra tas-subien, bank twil, mejda ta' taht it-televizjoni fil-*main bedroom*, sufanijiet fil-*living room*, gwardarobbi fil-kamra tas-sodda tas-subien, zewg sodod, televizjoni, is-sodda ta' Rebecca fil-garaxx, *washing machine*, *computer* , *kenwood, microwave oven*, zewg *gas heaters, vacuum cleaner, pots, pans* u *cutlery, vesion pots* u *kerusin cooker*.

(iii) Illi l-kontijiet u depoziti tal-bank ghandhom jigi zbankati u l-bilanc jinqasam bejn il-kontendenti nofs bin-nofs.

(iv) Illi l-karozza Fiat Reg. No, LAG - 145 ghandha wkoll tinzamm mir-ragel peress li l-mara ghandha karozza li xtratilha ommha.

(c) Illi d-djun kollha tal-Water Services Corporation, u kull debitu iehor dovut fuq *computers* u *credit cards* ghandhom jithallsu mill-attur u dan anke skond id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. L-istess jinghad ghal kull kont talvolta dovut lid-Dipartiment tat-Taxxa.

(d)Illi fl-ahharnett minhabba li l-attur naqas li jhallas ghal certi bzonnijiet ta' l-ulied ghal certu zmien minkejja d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili w anke biex issir ekwiparazzjoni peress li l-karozza Fiat inghatat lill-attur, l-istess attur ghandu jikkompensa lill-konvenuta s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) biex jaghmel tajjeb in parti ghall-hlasijiet li kellha taghmel minn butha jew ghax mghoddija lilha mill-familjari taghha u in parti bhala ekwiparazzjoni ghal zbilanc favur il-konvenuta mill-qsim tal-komunjoni. Ghalhekk tordna lill-attur ihallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) lill-konvenuta.

(7) Tichad din it-talba minhabba nuqqas ta; provi.

(8) Tichad it-tmien talba attrici *stante* li kien l-attur li kien principarjament hati ghal din il-firda.

(9) Tilqa’ d-disa’ talba attrici u tawtorizza lill-attur jirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku;

(10) Tichad l-ghaxar talba attrici ghaliex hija insostenibbi.

Bl-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici kontra l-attur.

Illi in kwantu **ghall-kontro-talba tal-konvenuta,** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attur biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad is-seba’ talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha, tilqa’ t-talbiet l-ohra fil-kontro-talba taghha biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

(1) Tilqa’ l-ewwel talba tal-kontro-talba tal-konvenuta u ddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan bi htija mputabbli principalment lill-attur u dan peress li l-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta’ eccessi, sevizzi, inkluz swat u ngurji gravi li kawza ta’ l-istess irrenda l-hajja ta’ bejn il-partijiet impossibbli. In linja sussidjarja l-konvenuta wkoll kienet responsabbli wkoll ghal din il-firda minhabba essessi fil-konfront ta’ l-attur.

(2) Tilqa’ t-tieni talba tal-kontro-talba u tawtorizza lill-konvenuta tghix separatament minn zewgha;

(3) Tilqa’ t-tielet talba *in parte* u tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri ghandha tkun wahda kongunta, t-tfal jabitaw ma’ l-omm u bid-dritt ta’ l-access tal-missier bil-modalitajiet spjegati aktar ‘il fuq f’din l-istess sentenza konsegwenti ghac-citazzjoni attrici.

(4) Tilqa’ r-raba’ talba u tordna lill-attur jissoministra bhala manteniment is-somma ta’ tmenin lira Maltija (Lm80) fix-xahar ghaliha u mija u sebghin lira Maltija (Lm170) ghat-tfal. L-attur ghandu jhallas ukoll bin-nofs l-ispejjez edukattivi tat-tfal inkluz *school fees* u trasport ta’ l-iskola jekk ikun il-kaz, kif ukoll spejjez li huma relatati mas-sahha tal-minuri nkluzi medicinali. Ic-*children’s allowance* ghandha tigi percepita mill-konvenuta.

Illi l-manteniment tal-mara m'ghandux jieqaf kemm-il darba hi tahdem *part-time* jew *full-time*. Il-manteniment ta' l-ulied jieqaf malli jaghlqu t-tmintax il-sena jew jimpjegaw ruhhom *full-time*;

(5) Tilqa' l-hames talba u tapplika kontra l-attur d-dispozzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** fl-intier taghhom**;**

(6) Tilqa' s-sitt talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tirreferi ghal kif l-istess giet likwidata u assenjata aktar 'il fuq f'din is-sentenza konsegwenti ghac-citazzjoni attrici u hawn tapplika l-istess assenjazzjoni u divizjoni hemm indikata.

(7) Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi.

(8) Tilqa' din it-talba biss ghall-perjodu ta' sena mid-data ta' din is-sentenza, b'dan li wara sena mid-data ta' din id-decizjoni l-istess immobbli ghandha tinbiegh in subbasta kif orndat minn din il-Qorti a bazi tas-sitt talba tac-citazzjoni attrici u tal-kontro-talba tal-konvenuta. Tordna lill-attur sabiex jizgombra ruhhu minn dik li kienet sa llum id-dar matrimonjali u dan fi zmien qasir u perentorju ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza, kif gja provdut konsegwenti ghac-citazzjoni attrici.

(9) Tilqa' d-disa' talba u tordna li l-konvenuta u wliedha jibqghu juzaw kunjom l-attur.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba jithallsu mill-attur.
**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------